MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Numru 1354/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**ALAN DEBATTISTA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom **Alan Debattista**, ta' 27 sena bin Anthony u Mary nee' Spiteri, imwieled Pieta' fit- 28 ta' Mejju 1982, u li joqghod f' St. Gregory, Quarry Street, Msida. Detentur tal- Karta ta' l-Identita' bin-numru 302282M.

Gie akkuzat

1. talli nhar il-Hadd 20 ta' Dicembru 2009, gewwa l-Belt Valletta u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer

a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrja, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;

u cioe diversi DVD films u CD's tal-musika.

(*Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(a),(c), u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*)

2. u aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

(*Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*)

U b'hekk, **Alan Debattista**, sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivu u ma jistghux jigu mibdula;

Kif wkoll, b'hekk, **Alan Debattista**, kiser wkoll il-kundizzjoni li biha kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin u dan b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AB2 u nnutat li l-imputat Alan Debattista m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-kosegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 23, 298 (1)(a),(c) u (f), 298B, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Alan Debattista, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l- imputat ammetta

fi stadju bikri tal-kawza, tikkundannah ghall-piena komplessiva ta’ elfejn, tlett mija u disa’ u ghoxrin Euro (Euro 2329) multa.

Inoltre il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti formalment bhala Dok SB1 u ghal fini ta’ tali distruzzjoni tordna lir-Registratur tal-Qrati Tribunali Kriminali li jeffettwa tali distruzzjoni u wara jippresenta Rapport dwar tali distruzzjoni sabiex dan ir-Rapport jigi inserit fl-atti ta’ din il-kawza u ghaldaqstant il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lir- Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali. Il-Qorti qeghda taghti lill-Prosekuzzjoni zmien hmistax (15) il-gurnata zmien millum sabiex il-Prosekuzzjoni tippresenta materjalment l-oggetti esebiti formalment bhala Dok SB1 ghal fini li tkun tista’ issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------